ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 7 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Erbgha 10 ta' Lulju 2013 fis- 6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;

2. Tagħrif mill-Minuti;

3. Korrispondenza;

4. Materji Finanzjarji:
   a) *Petty Cash* Gunju 2013;
   b) Skeda ta' Ħlas Gunju 2013;
   c) Business Plan;
   d) Annual Budget;

5. Kuntratt Perit;

6. Xiri ta' Vettura;

7. Tender Cameras;

8. Cameras Regjun f'Toroq Partikolari;

ĦAL GĦAXAQ

9. No Parking Zone fil-pjazza Hdud u Festi;

10. Pagamenti Gnien Kunsill, Fond Ewropew;

11. Devoluzzjoni Shelter Pjazza;

12. Funtana Gnien Kunsill;

13. Manutenzjoni tal-Gnien 2000 u Kunsill;

14. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

---

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. <u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 6 ittieħdu bhala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekondat il-Kunsillier Fenech u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. <u>Tagħrif mill-Minuti</u>**;

a. Is-Segretarju qalet li irceviet email minghand is-Sinjura Schembri biex tinforma l-Kunsill li kienet ma tiflahx u ghaldaqstant ma attendiet il-laqgha precedenti tal-Kunsill.

b. Is-Segretarju qalet li s-Sinjura Donna Mallia l-Officer tal-Kunsill ser tixtri pinafore dress pulita li tkun tista tintlibes anke fix-xitwa.

c. Is-Segretarju f'isem il-Kunsill irringrazzjat lil Vici-Sindku s-Sur Emanuel Vassallo tal-prezenza tieghu fl-ufficcju kif ukoll tax-xoghol li wettaq waqt li s-Sindku s-Sur Darren Abela kien imsiefer.

d. Is-Sur Fenech staqsa lis-Sindku Jekk is-Sur Spiteri li kien bghat l-ittra bl-Avukat rigward Triq San Gorg iritirax l-ittra issa li t-Triq hija lesta. Is-Sindku qal li s-Sur Spiteri mhux se jirtira l-ittra qabel ma tghamel ix-xita u jara jekk ma jidholx ilma ghandu.

ĦAL GĦAXAQ

**3.** **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment fejn bagħat Memo 11/2013 – Ħlas ta' Taxxa u tal-Bolla tas-Sigurta' Soċjali fejn bħala taxxa li jħallsu s-Sindki u l-Kunsillieri dawn għandhom jiċċekjaw mad-Dipartiment tat-Taxxi u infurmaw ukoll li bħala bolla s-Sindki u l-Kunsillieri m'għandhom qatt iħallsu.

   Memo 15/2013 – L-Użu tal-Internet Banking , fejn infurmaw li dan is-servizz ser ikun miftuħ ukoll sabiex isiru xi transazzjonijet bankarji u mhux *view only* kif kien qiegħed disponibbli bħalissa.

   Memo 16/2013 – Kontribut finanzjarju ta' Kunsilli Lokali għal xiri ta' materjal Edukattiv għall-Iskejjel. Il-Kunsill qabel ma din.

   Memo 17/2013 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal *Streaming* tal-Laqgħat On Line. Il-Kunsill qabel li japplika ghal din li Skema.

   Bagħatu wkoll Invit sabiex tiġi mnieda uffiċċjalment l-iskema ta' *Live Streaming*, il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju, 2013, ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Birgu fid-9:30 a.m.

   Fir-rigward tad-devoluzzjoni ta' Bir id-Deheb, id- Dipartiment qed jitlob sabiex nissottomettu pjan aktar dettaljat ta' kif ser tiġi ffinanzjata din l-art peress li għandna *commitments* kbar oħrajn.

   Infurmaw li ser tiġi mnaqqsa s-somma ta' € 120 mit-tielet kwart tal-allokazzjoni għas-servizz tal-WIFI.

2. Mill-MEPA fejn bagħtu l-minuti tal-laqgħa li saret mas-Sindku fl-10.07.2013 ġewwa l-Kunsill Lokali fejn ġie diskuss il-Pjan Lokali.

3. Irċevejna diversi kwotazzjonijiet għas-*CCTV cameras* tal-Ġnien tal-H/E

.
4a plenarja

. Irċevejna kwotazzjoni mingħand *Stainless Structers Ltd.* għal *stainless steel gate* għal Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jsiru 3 gates mhux wahda. Is-Sur Fenech qal li l-ahjar issir railing u mhux

gate. Il-ici Sindku qal li jistghu jsiru crash barriers flok gates. Sar qbil li tinkiteb ittra lil-Transport Malta dwar dawn il-barriers.

5. Mingħand *Transport Malta*, fejn infurmaw li hemm xi xogħolijiet ta' toroq li ġew komplut ghaldaqstant irid isir il-*Compliance Report* tagħhom. Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill ma jafx ezatt xi jridu Transport Malta ghaldaqstant is-Sindku qal li se jghamel appuntament biex ikun jaf ezatt x'hemm bzonn.

ĦAL GĦAXAQ

6. Mingħand Is-Sur Galea tal-Garakol *Ironmongery*, fejn qed jilmenta li ta' spiss Triq G.M. Farrugia qed tkun magħluqa minħabba li l-Każin ta' St.Marija qed jorganizza xi *BBQ nights*. Il-Kunsill qal li s-Sur Galea ghandu javvicina lil kumitat tal-Kazin ta' Santa Marija dwar l-ilment. Il-Vici Sindku qal li ghandna ninfurmaw lil-Kumitat tal-Kazin ta' Santa Marija biex jghamlu tabella li t-triq tkun mghaluqa biex jevitaw li t-traffiku jkollu joqoghod idawwar.

7. Mingħand l-MCCAA, fejn infurmaw li ser jiġu organizzati korsijiet għall-bdiewa.

8. Mingħand il-Librara fejn infurmat li mit-3 sal-10 ta' Awwissu, 2013 mhux ser tkun disponibbli u minflok ser tieħu postha n-neputija tagħha bħas-soltu Cherly Falzon. Il-Kunsill accetta.

9. Mingħand Redina Axisa, bagħatet rigward il-bankina li tinsab f'Valletta Rd. ta' ħdejn l-SME's biex isir peress li x-xogħol fuqhom tlesta. Il-Vici Sindku qal li dawn l-arbli kienu gew imressqa minn dawk lib new il-garaxxijiet ta' l-SME's ghaldaqstant dawn ghandhom jiehdu hsieb huma li jressquhom.

10. Ittri tal-appell fuq Villa Mekrech tal-Ombudsman u l-Perit Edward Said.

11. l-*Invoice* tas-Sur Bezzina dwar xogħol extra li sar fil-festa ta' San Ġużepp fejn ingħata aktar tagħrif dwarhu mill-istess kuntrattur.

12. *Contract Agreement* bejn il-Kunsill Lokali u d-DataTrak Ltd., dawn iħaddmu s-sistema tal-LES.

13. Minġhand Ms Darmenia dwar *Plea for Actavis Lifecycle sponsorship.* Il-Kunsill qabel li jisponsorja din l-attivita nobbli billi jghati donazzjoni ta' 100 euro.

14. Mingħand is-Sur Twanny Vella fejn talab għal għajnuna mill-Kunsill sabiex isir dawl u *CCTV cameras* fejn ser jiġi l-monument tal-annimali. Il-Kunsill qabel li din it-talba tigi diskussa aktar il-quddiemaħħ

15. Mingħand *Peppin Garage*, fejn informa dwar eskursjonijiet li jsiru għal ġurnata f'Għawdex.

16. Mingħand is-Sur Gafa' fejn talab il-permess għal laqgħa ta' talb li ssir bħal kull sena ġewwa Ġnien 2000. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

ĦAL GĦAXAQ

17. Minghand GAL Xlokk fejn avżaw lill-membri dwar Miżura 413.A6. Dwar din il-Mizura, is-Sur Fenech qal li din tikkonsisti biex kull Kunsill Lokali jinghata opporunitabiex jghamel attivita zghira wahdu jew bi shab ma Kunsill iehor u il-budge ghal din l-attivita se jkun ta €15,000 kull Kunsill. Is-Sur Fenech qal li hu kien se jiccekkja u jinforma lil Kulhadd.

18. Ircevejna email minghand il-MEUSAC dwar laqgha ghas-Salvagwardja tar-Rizorsi tal-ilma tal-Ewropa li ghaliha ser jattendi s-Sindku.

19. Minghand Bonnici Bros. Ircevejna kont ta 31,147.38 euro tax-xoghol tat-toroq li sar. Is-Segretarju qalet li tistenna certifikat tax-xoghol minghand il-Perit tal-Kunsill Marvin Ellul biex tkun tista thallas parti minn din is-somma. Il-Kunsill qabel.

20. Minghand is-Segretarju tal-Kazin ta' Santa Marija ircevejna il-program tal-Festa fejn qed jitolbu in-No Objection tal-Kunsill. Is-Sindku qal li issa meta jkun hemm applikazzjoni mil-kazini ghal xi attivita is-Sindku irid jikteb ittra tan-*No Objection*, din id-decizjoni ittiehdet mis-Superintendent il-gdid ta' Hal Ghaxaq.

21. Il-Kunsill ircieva sejha ta' interess mill-Assocjazzjoni ta' Municipalitajiet Taljani dwar Youth in Action program. Il-Kunsill qabel li jibaghat l-interess tieghu.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a. Intbagħatet *e-mail* lill-*Housing Authority* fejn tlabna laqgħa mad-Direttur minhabba l-iskema sabiex jiġi rrangat il-Housing Estate.

at

b. *E-mail* lill-Perit Ellul dwar xi mkistoqsijiet u xogħolijiet li ghadom iridu jsiru fi Ġnien il-Kunsill.

c. Lill-*Lands Department* fejn tlabna x'informazzjoni fuq il-garaxx li jinsab mal-genb ta' l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

d. Lis-Sur Paul Farrugia fejn infurmajnieh li l-Kunsill ma ghandun haddiema biex iwettaq ix-xoghol li hemm mehtieg.

e. Saret No Objection ghal attivita ta' BBQ night li ser jghamel il-Bar tal-Kazin tal-Labour nhar id-19/7/13.

f. Ktibna il-MEPA fejn infurmajniehom bil-hsieb li l-Kunsill jixtieq jirranga il-hajt tas-sejjieh fi Triq Valletta Road hdejn il-kappella ta Santu Kristu.

ĦAL GĦAXAQ

4. **<u>Materji Finanzjarji</u>**:

*a.* ***Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Gunju 2013, li kienu jammontaw għal €61.12. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€61.12 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Fenech.

*b.* ***Skeda ta' Ħlas Gunju 2013***: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Gunju 2013 u li jammontaw għal €36,664.96. Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

*c.* ***Business Plan 2013 – 2016***: Is-Segretarju iccirkolat kopja tal-Pjan ghas-snin 2013 – 16 (Appendici A). Is-Segretarju fissret l-ghan tal-Pjan bhala wiehed li tahseb biex jintegra ma dak li kien allokat u mfassal din is-sena ma' snin ohra sussegwenti.

Is-Segretarju qalet li wiehed irid iqis l-allokazzjoni li jaghmel il-Gvern lill-Kunsill qabel ifassal fit-tul, jew jikkometti ruhu ghal inizjattivi ambizzjuzi. Fakkret ukoll li fl-ahhar hames snin il-figura tal-allokazzjoni nzammet statika jew tinghata allokazzjoni li tkun premeditata ghal inizjattiva li tkun diga giet deciza mill-Gvern Centrali.

Is-Sindku ressaq il-Business Plan ghal approvazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill approva unanimament.

*d.* ***Annual Budget***: Is-Segretarju qalet li ma kienx hemm

osservazzjonijiet li jimmeritaw caqlieq fl-abbozz li thejja ghal Estimi u li gie diskuss f'Seduta precedenti tal-Kunsill. Jekk il-Kunsill ma ghandux hsibijiet ohrajn hi kienet se tipproponi li l-Estimi jigu approvati.

Issekonda il-vici-Sindku s-Sur Emanuel Vassallo.

Meta s-Sindku ressaq l-Estimi tad-Dhul u Hrug ghas sena 2013 ghal approvazzjoni, il-Kunsill approvahom unanimament.

ĦAL GĦAXAQ

5. **Kuntratt Perit**

Dwar il-kuntratt tal-Perit, is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu ma rcieva ebda risposta.

Saret diskussjoni fejn is-Sur Fenech qal li bhala Kunsill jaqbilx li jkun hemm Perit generali jew litteralment neskludu dan u nahdmu bi Project Manager kull progett.

Tkellmu ukoll li jerga johrog tender fejn il-Vici Sindku ma qabilx. Qal ukoll li l-Kunsill kien izomm l-istess Perit ghal progett ta' Gnien il-Kunsill izda il-Kunsill gie imgieghel isib perit ghal progett.

Intqal ukoll li l-Perit tal-Kunsill ikun responsabbli mill-kontijiet u l-Project Manager responsabbli li jsir xoghol sew.

Saret diskussjoni twila w decizjoni ma ittiehdetx.

6. **Xiri ta' Vettura**

Is-Sindku qal li hemm il-htiega li l-Kunsill ikollu vettura biex il-haddiema jkunu jistghu jgorru certi affarijiet biex jahdmu.

Il-Kunsillier Fenech qal li l-ahjar ingibu kwotazzjonijiet ghal kiri jew leasing biex naraw x'jaqbel u irridu naraw li spiza tal-licenzja u insurance.

Is-Sindku qal li naraw kemm tkun li spiza biex nikru van fi granet specifici.

Sa kemm tittiehed decizjoni l-Kunsill qabel li jekk ikun hemm il-htiega li jinkera van biex isiru xi xogholijiet f'xi gurnata dan jinkera.

7. **<u>Tenders tal-Cameras</u>**

Dwar it-tenders tal-Cameras ghal Gnien 2000 u Gnien il-Kunsill, il-Kunsill qabel li dawn it-tenders jnghataw lil persuna teknika biex tevalwhom u wara tittiehed decizjoni.

Dwar dawn il-Cameras, is-Sindku qal li hu tkellem mal-membri tar-Regjun fejn saqsa jekk dawn il-cameras jistghux jigu sorveljati minn tar-Regjun. Qal ukoll li l-camera li hemm bhalissa tissorvelja ghal kontravenzjonijiet biss u mhux ghal vandalizmu jew affarijiet ohra.

ĦAL GĦAXAQ

Il-Vici Sindku qal li l-ahjar issir Camera fi Triq Tumbarellu fejn li skips, Triq Hannieqa fejn li skips, Triq Gius. Deimicoli. Qal ukoll li hu kien talab ghal Green Wardens imma dawn gew ghal ftit drabi.

**Minhabba li kien skada il-hin tal-laqgha l-Agenda kellha tigi sospiza biex isiru s-suggerimenti, izda f'dan li stadju is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-membri u qal li jixtieq li tintbaghat ittra lis-Superintendent Vella Gregory u li Spettur Arthur Mercieca biex nirringrazzjawhom bhala Kunsill ghal kontribut li taw lil Hal Ghaxaq waqt id-dmirijiet taghhom. Fl-istess waqt nilqghu lis-Superintendent u li Spettur il-gdid b'ittra. Il-Kunsill qabel. biex nilqawhom.**

7. **<u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>**

a. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li fi Triq Ghar Dalam jinghataw 2 jardi konkos. Il-Kunsill qabel.

   Qal ukoll li hemm il-htiega li jinxtara cupboard tal-hadid biex jitpogga fil-latrini halli jkunu jistghu jitpoggew xi affarijiet li jahdmu bihom il-haddiema, bhal laned, xkupi, pala. etc. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sindku kompla biex jghid li gie avvicinat minn persuna li toqoghod in-naha ta' gewwa ta' Triq Napuljun Caruana Dingli li jrid li bicca li hemm bil-hamrija tinghata konkos. Il-Vici-Sindku qal li hemmhekk hemm main ta' l-ilma u l-WSC ma tridx tnehhieh spejjez taghha izda trid li l-Kunsill ihallas li spejjez.

c. Is-Sinjura Agius qalet li persuna ilmentat li hdejn il-MUSEUM tas-subien hemm persuna li qed tohrog il-borza ta' li skart f'nofs it-Triq ikun x'hin ikun. Is-Sinjura Agius kompliet tghid li hemm bzonn isir xi haga u naraw kif jahdmu il-green wardens.

d. Il-Kunsilliera Agius qalet ukoll li fi Triq Santa Marija u fil-Housing Estate hemm il-haxix li hemm il-htiega li jinqata'. B'dan se jigi infurmat il-kuntrattur.

e. Qalet ukoll li fi Triq Hernandes in-nies talbu ghal skip minhabba li ta' li scammel mhux qed jidhol. Se jigi infurmat il-kuntrattur. Sar qbil mill-Kunsill li ssir ittra fil-fuljett fejn tindika il-hinijiet tal-gbir ta' li skart.

f. Is-Sinjura Agius kompliet tghid li jkun tajeb li niktbu lil Onor. Joe Mizzi biex jibaghat haddiema biex titranga t-Turretta u jsir program ta' xoghol. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

g. Il-Vici Sindku qal li d-dawl tal-Madonna ghadu ma sarx dan irid isir qabel ma ssir l-irhama. Is-Sindku qal li d-dawl l-ahjar li jsir wara li titpogga l-irhama.

h. Il-Vici Sindku qal ukoll li d-dawl ta' fuq Santu Rokku irid jitranga it-timer.

i. Kompla jghis li it-80 sigra li hemm hdejn il-kappella ta' Santa Lucija mietu bil-ghatx. Is-Sindku qal li se jiehu hsiebhom.

j. Il-Kunsillier Fenech qal li hem mil-htiega li l-kenniesa jiehdu hsieb jikinsu w jaqtghu l-haxix fejn il-hanut tad-Dolce Delice.

k. Qal ukoll li fi Triq il-qattus hemm haxix li jrid jinqatgha.

l. Is-Sinjura Schembri qalet li se tghamel Lejla Letterarja nhar it-28 ta' Awwissu li se tigi tiswa il-Kunsill 60 euro. Il-Kunsill qabel li din issir..

m. Qalet ukoll li se tghamel il-korsijiet tal-Lifelong Learning fil-Kunsill.

n. Il-Kunsilliera Schembri qalet li s-Sindku talaba biex l-Attivitajiet Socjali u l-Kultura jibda jiehu hsiebhom is-Sur Keith Fenech. Is-Sindku qal li s-Sur Fenech talbu biex jiehu dawn l-attivitajiet f'idejh. Is-Sinjura Schembri accettat din il-proposta.

o. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li ngibu kwotazzjonijiet biex jinzabru s-sigar. Il-Kunsill qabel.

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju 2013 fis-6.30pm.

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

**Ikkonfermati: it-Tnejn 29 ta' Lulju 2013**